MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2013

Numru. 901/2006

**Pulizija
(Supretendent Sharon Tanti)**

**vs**

**Tristan Falzon**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Tristan Falzon ta' 24 sena, bin Carmelo u Giorgina nee' Spiteri imwieled Pieta' fit-23 ta' Lulju 1982 u residenti 64, 23rd April Str, Qormi u detentur tal-karta tal-identita' numru 402382(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fil-21 t'Awwissu 2006 u fil-granet ta' qabel, fil-Marsa u/jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li kisru l-istess

dispozizzjoni tal-Ligi u lil gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda,

1. B'eghmil zieni ikkorrompa lil CM ta' sittax-il sena liema delitt sar b'theddid jew b'qerq

2. Biex jissodisfa z-zina ta' haddiehor, hajjar ghall-prostituzzjoni lil CM, persuna ta' taht l-eta jew eccita l-korruzzjoni taghha, jew ghin jew iffacilita din il-prostituzzjoni jew korruzzjoni, u dan bhala drawwa jew bi hsieb ta' qliegh

3. Ghex ghal kollox jew f'parti fuq il-qligh tal-prostituzzjoni ta' CM, meta din ghada m'ghalqitx l-eta ta' 18-il sena

4. Fl-ahhar akkuzat talli bl-imgieba tieghu ikkaguna lil CM biza li ser tintuza vjolenza kontriha, meta hu kien jaf jew messu kien jaf li dik l-imgieba tieghu se tikkagunalha biza

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tat-23 ta' Frar 2007 (inserita a fol. 105 tal-atti processwali) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fis-segwenti Artikoli tal-ligi :-

(a) fl-artikoli 18 u 203(1) (u il-paragrafu (b) tal-proviso tal-artikolu 203(1) ) tal-Kodici Kriminali;
(b) fl-artikoli 18 u 204(1) (u il-pragrafi (b) u (d) tal-proviso ta' l-artikolu 204(1)) tal-Kodici Kriminali;
(c) fl-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali u fl-artikolu 7(1) tal-Kap. 63 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) fl-artikoli 18 u 251B tal-Kodici Kriminali;

Rat li waqt l-udjenza tad-29 ta' Jannar 2013, l-imputat ddikjara li huwa m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta’ dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fil-21 t’Awwissu 2006 il-pulizija tal-Iskwadra kontra l-Vizzji kienu qieghdin jaghmlu r-ronda fl-akkwati tal-Marsa fejn lemhu zewg tfajliet li ma kienux rawhom qabel hemm u huma waqfu tfajla bjonda li hasbu li kienet taht l-eta’ fejn hadu d-dettalji taghha. Dak il-hin gew zewgt irgiel fuqhom, l-imputat Tristan Falzon u l-iehor Patrick Mangion. Irrizulta li l-imputat kien jaf lil din it-tfajla li kien jisimha CM li qal hija habiba tieghu u li kellha diversi problemi minhabba li omma giet maqtula. Il-Pulizija dak il-hin ma zammew arrestat lil hadd anki jekk dawn iz-zewg tfajliet deheru li kienu minorenni. Meta tkellmu ma’ CM gewwa d-Depot tal-Pulizija hija qalet li Tristan Falzon kien il-boyfriend taghha u ghal bidu cahdet li hija kienet hemm ghal skop ta’ prostituzzjoni (a fol 12). Hija nzammet arrestata minhabba li ma kinitx qeghda tikkopera mal-pulizija. Il-pulizija tkellmu wkoll mal-imputat Tristan Falzon li qallhom li dik it-tfajla sar jafha ftit hin qabel pero’ nstab in-numru tieghu fuq il-mobile ta’ CM bl-isem ta’ Tristan il-‘Foqs’ jew ‘Fox’. Meta l-pulizija regghu tkellmu ma’ CM din tat verzjoni differenti minn qabel fejn qalet li l-imputat kien il-boyfriend taghha xi sentejn qabel u ommha ggieldet maghha ghaliex ma riditux. Hija qalet li omma kienet telqet minn Malta u hallitha wahidha. Xi zmien wara li kienet spiccat tohrog ma’ Tristan dana rega’ deher f’hajjitha fejn skond CM beda’ jnizzilha l-Marsa fejn kien qallha biex tibda tahdem ghalih. Fil-fatt hija qalet lil Pulizija fl-ewwel lejl kienet ghamlet 90 lira Maltin li taghthom kollha lilhu u anki kien ta l-condoms biex tuzahom. L-imputat skond M kien anki jerfa’ idejh fuqha u ghalhekk hija qalet li kienet tibza’ minnhu. CM sostniet ukoll li kellha relazzjoni sesswali ma’ Tristan meta hija kellha erbatax-il sena pero’ huwa ma kienx l-uniku partner li kellha. Tristan kien jghidilha sabiex meta tmur ma’ klijent ma titlobx anqas minn ghaxar liri li hija kienet tghaddi lilhu ghaliex hija kienet taf li kellhu problema bid-droga. L-imputat kien anki jmur wara dik il-karozza li hija kienet tirkeb fiha

sabiex jara li ma kien jigrilha xejn. Meta l-imputat gie kkonfrontat b’din l-informazzjoni huwa ghazel li ma jirrispondix ghad-domandi lilu maghmula. L-istqarrija tieghu giet esebita bhala dok ST. Mill-istharrig li ghamlet il-Pulizija rrizulta wkoll li CM kienet qeghda tghix ma’ wiehed maghruf bhala l-Indjan mill-Gzira.

Mix-xhieda tal-Ufficjal Investigattiv u Prosekutur f’dan il-kaz is-Supretendent Sharon Tanti jirrizulta li l-imputat kien semma li kien ircieva messaggi minghand wahda Marica biex tiltaqa’ mieghu izda huwa kien qieghed fil-fatt jirreferi ghal C. Dan id-diskors kien qalu dakinhar li kien tressaq il-Qorti. Hija kompliet tghid li qatt ma kienet tafha l-allegat vittma in konnessjoni ma’ kazijiet ta’ prostituzzjoni u lanqas ma kienet taf jekk fil-fatt kienitx tipprostitwixxi ruhha.

CM xehdet f’dan il-kaz bil-procedura tal-video conferencing minhabba li kienet minorenni. Hija qalet li l-imputat kien inizzilha l-Marsa ghal skopijiet ta’ prostituzzjoni sabiex hija tahdem ghalih u tmur mal-irgiel ghall-flus. Hija qalet li lil Tristan kienet saret tafu madwar sentejn qabel l-incident u kienu johorgu flimkien ghal xi zmien qasir. Dak iz-zmien hija kellha erbatax-il sena. F’dawn is-sentejn illi kienu ghaddew qatt ma kienet tkellmet mieghu izda meta regghu iltaqghu kien qallha biex tibda tmur mal-irgiel. Hija hasset li kellha tinzel tahdem ghalih ghaliex kienet tibza’ minnu peress li kienet semghat li huwa kien qaxxar xaghar wahda li tahseb li kien jisimha Muriel. Hija kompliet tghid li meta ltaqghu l-ewwel darba kellhom relazzjoni sesswali flimkien (a fol 53). Meta kellha erbatax-il sena qalet li kellha incident mal-imputat billi dan kien dahal fil-kamra taghha rrabjat izda ma sawwathiex (a fol 54). Hija qalet li ommha kienet telqet minn Malta qabel ma kienet iltaqghet mal-imputat it-tieni darba. M spjegat li hija kienet marret tghix mal-gharus taghha l-gdid gewwa Hal Luqa u wara li kienet iggieldet minn mieghu u mbaghad marret tghix il-Gzira ghand wiehed tampara li jismu Dylan l-Indjan. Meta hija kellha hmistax-il sena omma telqet lejn l-Ingilterra u hija marret tghix mal-gharus taghha certu Charles Farrugia ta’ 23 sena izda xahrejn wara li marret toqghod ghandu

telqitu u ghalkemm kellha hmistax-il sena ma kinitx tmur l-iskola izda marret tahdem gewwa stabiliment f’tas-Sliema. Kien f’dan iz-zmien li kienet qed tghix il-Gzira li regghet iltaqghet mal-imputat. Hija qalet li l-ewwel darba li ratu ma kienx hemm problemi izda kienet fit-tieni gurnata li qallha li kien sejjer inizzilha l-Marsa sabiex tiprostitwixxi ruhha ghalih. CM kompliet tghid li marret il-Marsa darbtejn fejn l-imputat qallha li kellha tiehu Lm10 ma kull ragel li tmur mieghu. Hija kompliet tghid li maghhom kien ikun hemm certu Patrick u tfajla ohra. L-ewwel darba li marret il-Marsa kienet marret ma disa’ rgiel u qalghet disghin lira Maltin b’kollox. Kien fit-tieni darba li marret il-Marsa li gew fuqha l-Pulizija u dak il-hin mar fuqhom l-imputat u qalilhom li hija kienet mieghu izda ghal bidu hija qaltilhom li ma kinitx mieghu ghaliex bdiet tibza’. Il-Pulizija hadu d-dettalji kemm taghha kif ukoll ta’ tfajla ohra certu Jessica li wkoll kienet qed taghmel dan ix-xoghol bhalha. M spjegat li meta marret id-Depot fil-bidu ghazlet li ma twiegeb ghal xejn izda meta tnizlet fil-lock up semghet xi diskors li kienet sejra tpattiha u ghalhekk wara li regghat ittelghat bdiet tghid verzjoni ohra lill-pulizja. Hija kompliet tghid li qabel ma telghet il-Qorti (a fol 62) kien cempillha l-imputat fuq il-mobile phone taghha u beda’ jkellimha hazin u fl-isfond semghat lil xi hadd jghidlu ‘fox’ jaqta’. Hija kienet taf li dan ‘fox’ huwa Tristan ghaliex dak huwa l-laqam tieghu. Wara li qatghet rega’ cempel u ghaddiet it-telefon lil care worker taghha li semghet dan id-diskors. Apparti dawn il-calls ma kienx hemm kuntatt mieghu. Hija qalet li qabel ma kienet nizlet il-Marsa qatt ma kienet ghamlet dan ix-xoghol (a fol 64). CM kompliet tghid li kienet iltaqghet ma’ Tristan Falzon hdejn il-KFC il-Gzira wara li ftehmu bejnithom f’dan is-sens u f’dawk il-jumejn li kienu iltaqghu kienu cemplu lil xulxin u kien Tristan li taha n-numru tal-mobile tieghu. Hija qalet li kienet hi li cemplet lil Tristan fuq il-mobile tieghu qabel ma kienu ltaqghu u kienet ghamlet hekk ghaliex kienet ilha ma tarah u peress li huwa qatt ma ghamillha xejn baghtitlu sms sabiex tiltaqa’ mieghu. Rigward ix-xoghol li kellha taghmel gewwa l-Marsa hija tghid li l-imputat kien qalilha sabiex meta tkun mal-irgiel ma ddumx aktar minn ghaxar minuti u tithallas Lm10 liri Maltin u huwa kien qalilha sabiex dejjem tuza l-condoms li huwa provdielha. Din ix-xhud qalet li qabel l-

imputat kellha boyfriend iehor, certu Wayne u dak iz-zmien kellha erbatax-il sena. Hija qalet (a fol 76) li ma kienet ghamlet xejn mieghu hlief bews. Wara li telqet minghand iz-zija taghha hija marret tghix il-YMCA shelter u wara spiccat tghix gewwa d-dar Spinelli li ghaliha kienet qisha habs minhabba li kien hemm certi regolamenti. Meta kienet gewwa din id-dar ma kinitx iccempel lill-imputat ghaliex dak iz-zmien ma kellhiex mobile number tieghu. Wara li telqet minn Dar Spinelli marret tghix il-Gzira ghand wiehed jghidulu l-Indjan li kien joqghod vicin il-KFC. Hija damet toqghod ghand dan l-Indjan xi tlett gimghat biss (a fol 85). Hija telqet minghand l-Indjan minhabba dak li gara mal-imputat. Hija qalet li l-Indjan kien tefalha l-hwejjeg 'il barra ghaliex kienet ma' Tristan.

L-imputat Tristan Falzon (a fol 129) ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri. Huwa qal li sar jaf CM meta kellu dsatax-il sena fejn hija kienet qaltlu li kellha sittax-il sena. Huwa qal li kienu johorgu flimkien izda bejniethom ma sar xejn. Huwa zied jghid li huh Miguel kien jafha ghaliex xi zmien qabel hija kienet tohrog ma' habib ta' huh. Meta kien iltaqa' maghha qabel dan l-incident kienu damu johorgu flimkien xi xahrejn biss u skond hu hija kienet tigdeb hafna (a fol 131). Huwa zied jghid li hija kienet tghidlu li missierha huwa certu Jason s-Sufu u li kien mejjet. Gieli qalet ukoll li missierha kien miet f'incident tat-traffiku bil-mutur. L-imputat qal li meta spicca minn maghha beda' johrog ma' tfajla ohra li kienet harget tqila. Waqt li kien qieghed jixrob f'hanut Hal Qormi rcieva messagg minghand huh Miguel fejn dan qallu li certu Karen riedet in-numru tal-mobile tieghu u riedet tiltaqa' mieghu hdejn il-KFC tal-Gzira. Ghalkemm l-imputat qal li ma kienx jaf min kienet din it-tfajla xorta wahda mar sabiex jiltaqa' maghha. Meta mar fil-post indikat ra li l-persuna li riedet tiltaqa' mieghu kienet CM u hija qaltlu li tatu isem iehor ghaliex issupponiet li ma kienx imur jiltaqa' maghha  altrimenti. Huwa qal li kwazi kienu ghaddew erba' snin minn meta kien raha l-ahhar u meta rega' ltaqa maghha kien raha biss tlett darbiet u sar jaf li kienet qieghda tghix il-Gzira ma' wiehed li jghidulu l-Indjan. Huwa kompla jghid (a fol 134) li dan l-Indjan kien kecciha u kien kera kamra gewwa lukanda sabiex C tmur torqod hemm ghaliex ommha

kienet siefret u ma kellhiex fejn tmur. L-imputat jghid li CM qaltlu li riedet tohrog mieghu izda huwa ma riedx ghaliex kien qieghed johrog ma tfajla ohra. L-imputat jghid li CM u hu kienu qieghdin jixorbu flimkien ma' xi nies ohrajn il-Marsa fejn inqala' l-incident fejn C giet imwaqqfa mil-Pulizija. Huwa qal li meta mar il-Marsa kien hemm certu Patrick Mangion flimkien ma tfajla ohra. Fil-hanut kien hemm tfajla wahda biss tixrob maghhom, certu Jessica. Huwa kien baghat lil C sabiex iggib xi haga mill-karozza tieghu u dak il-hin gew il-Pulizija fuqha (a fol 138). Huwa zied jghid li ma kienx minnu dak li qalet hi li huwa kien qalilha li jekk ma tiprostitwiex ruhha kien sejjer iqaxxrilha xaghra jew li din il-haga kien ghamilha lil haddiehor. L-imputat zied jghid li ma kienx minnu li mar aktar minn darba l-Marsa maghha ghaliex huwa jsotni li fit-tieni okkazzjoni li kien iltaqa' ma' M kienu marru barbeque flimkien. L-imputat jghid li huwa waqaf johrog ma' CM minhabba argument li kellu kif ukoll ghaliex kien iltaqa' m'ommha. Meta gie mistoqsi il-ghala kien qal lil pulizija li ommha kienet inqatlet b'daqqiet ta' sikkina meta kien jaf li ghadha hajja, l-imputat wiegeb li kien qal hekk ghaliex dak id-diskors kienet qalitulu C (a fol 144). Huwa qal ukoll li seta' qal hekk ghaliex kien jixrob hafna u dan il-kliem gie gewwa rasu (a fol 144). L-imputat zied jghid li ghalkemm raqad fil-lukanda li kien kera ghal C huwa ma kellux x'jaqsam maghha u spjega li meta dahal fil-lukanda rregistra fuq ismu (a fol 145).

F'dawn il-proceduri xehed ukoll is-social worker Brian Camilleri (a fol 168) li qal li fl-2010 Tristan Falzon kien qieghed jattendi programm residenzjali ta' riabilitazzjoni mill-problema tal-abbuz mid-droga u kien miexi fit-triq it-tajba. F'dawn il-proceduri gie wkoll prezentat rapport mahrug mis-Sedqa fejn gie indikat li l-imputat kien fir-Re-entry phase tal-programm ta' riabilitazzjoni kontra l-abbuz mid-droga u kien ghadu qed jattendi counseling sessions fuq bazi regolari f'Dar Gubbio u kien ser jigradwa fi zmien qasir mill-programm residenzjali tal-Komunita' Santa Marijia.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti tinsab rinfaccjata b'zewg verzjonijiet tal-fatti kompletament konfliggenti. Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex tinstab htija l-imputazzjonijiet iridu jigu pruvati sal-grad ta' oltre kull dubbju dettat mir-raguni. F'dan ir-rigward issir referenza ghal sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru 1997 fil-kawza*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer**, fejn dik il-Qorti fakret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'
*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice."*

Fis-Sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Ottubru, 1998*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Gauci et,** gie ritenut li:
*"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker (*Qorti tal-Appell Kriminali deciza fid-19 ta' Mejju, 1997*)** gie ritenut illi:
*"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not*

*come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one.”*

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jirritjeni il-**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890***:-
*“il cosi’ detto onero della prova, cioe’ il carico di fornire,spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui osservit”.*

ill-Qorti ser taghmel ukoll referenza ghas-Sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta’ Settembru 2002*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn gie spjegat x’jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b’zewg verzjonijiet konfliggenti. Jistghu jigru zewg affarijiet u cioe jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provediment iehor.

Illi fil-kaz odjern is-Supretendent Sharon Tanti qalet li fil-bidu CM ghazlet li ma twegibx ghad-domandi li kienu qed isirulha u li ma tikkoperax mal-pulizija u ghalhekk hija nzammet taht arrest. L-istess CM fix-xhieda taghha qalet li hija ma rrisponditx ghad-domandi li kienu qed isirulha u tnizlet fil-lock up u li wara hija ghazlet li taghti l-verzjoni tal-fatti lill-pulizija li sussegwentment ikkonfermat meta xehdet bil-gurament fil-proceduri odjerni. Il-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa kollha dovuta ix-xhieda ta’ CM u wara li rat il-komportament taghha jidrilha li ghandha temmen il-verzjoni taghha tal-fatti. Il-Qorti ma tistghax tifhem x’setghat kienet ir-raguni ii-ghala l-imputat ghazel li jmur jiltaqa’ ma’ M u mbaghad li jikrilha karma f’lukanda ghaliex ma kellhiex fejn toqghod meta fi kliemu stess kellu

tfajla ohra salv ghaliex huwa kien interessat li jhaddimha fil-prostituzzjoni.

Fdawn il-proceduri l-imputat qieghed jigi akkuzat bir-reat kontemplat fl-Artikolu 203(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta (u l-paragrafu (b) tal-proviso tal-artikolu 203(1) li jghid:

**203.** (1) Kull min, b’egħmil żieni, jikkorrompi persuna ta’ taħt l-età, tas-sess il-wieħed jew l-ieħor,

Kif ukoll taht il-paragrafu (b) tal-proviso tal-artikolu 203(1) li jghid:

Iżda, il-piena għal dan id-delitt tkun ta’ priġunerija minn tliet snin sa sitt snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha, f’kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(*b*) jekk id-delitt isir b’theddid jew b’qerq;

Dwar ir-reat ta’ korruzzjoni ta’ minorenni li bih jinsab akkuzat l-imputat il-Qorti tixtieq l-ewwel u qabel kollox taghmel referenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) f’sentenza tat-8 ta’ Jannar 1996 fil-kawza fl-ismijiet ‘Pulizija vs Thomas Wiffen’ fejn dwar l-element materjali ta’ dan ir-reat il-Qorti qalet is-segwenti:-

“For the completed offence, and apart from the formal element of the offence, there must be the lewd act (“atto di libidine”) and the actual defilement. The lewd act may be committed either on the person or in the presence of the minor. All acts which either of their very nature or of the circumstances in which they are performed are directed to the indulgence of the sexual apetite either of the agent or of the victim and are capable of arousing the sexual interest of the victim, are lewd acts for the purposes of the offence in question.”

Dwar ir-rekwizit tal-korruzzjoni per se l-istess Qorti tal-Appell fl-imsemmija sentenza qalet hekk:-

“As to the requirement of actual defilement, this is obviously not something that can be measured with any

known scientific instrument, but is something which has to be assessed by the prudent judge -- the lay judge in the case of a trial by jury, the professional magistrate or judge in all other cases -- taking into account all the circumstances of the case including in particular the age of the victim and the nature of the act or acts. Appellant, in his application, states that in order that one can speak of actual defilement “at least the curiosity or the interest of the minor should have been aroused”, so that “if the minor is already strong-willed enough and rejects even the least advance by the offender” then, always according to appellant, there is no actual defilement. Now, whereas the minor’s reaction is a fact to be taken into account, it is not the sole criterion, nor indeed the most important criterion, of whether or not there has been actual defilement.”

U l-istess Qorti kompliet tghid:

“In other words if the acts in question are lewd acts in the sense above defined, that is are apt to bring about a lesion of the moral integrity of the passive subject in respect of sexual matters, then, in the absence of any indication that the said passive subject has not been affected by those acts -- for example, because he or she was, to some degree, already depraved -- whoever has to judge the facts may reasonable conclude that there was actual or effective defilement.”

Il-Qorti jidirlha li fil-kaz odjern mix-xhieda li tat CM effettivament ma jirrizultax li jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mill-ligi sabiex jissussisti r-reat ta’ korruzzjoni ta’ minorenni kontemplat fl-Artikolu 203. M fil-fatt qalet li kienet iltaqghet mal-imputat il-Gzira u kellha x’taqsam mieghu darba[1]. Minn imkien mix-xhieda taghha ma hargu aktar dettalji ta’ dan l-inkontru sesswali li kien hemm bejniethom. In oltre mix-xhieda tal-istess CM ma rrizulta minn imkien li meta sehh l-att sesswali bejnithom l-imputat uza xi theddid jew qerq sabiex huwa jkollu x’jaqsam

[1] A fol 52, il-Qorti staqsiet: “Kellu x’jaqsam mieghek f’xi mod iehor qabel ma qallek isma inzel hemmhekk u ghandek taghmel hekk, hekk u hekk?” CM wiegbet: “Darba” u kompliet “Ghamilna” u “Penetrazzjoni”

maghha u ghalhekk zgur ma jistghax jinghad li jezistu dawk ic-cirkostanzi aggravanti ta' dan ir-reat kontemplat taht l-artikolu 203(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi inoltre din il-Qorti harset wkoll lejn il-hajja li kienet tghix din CM li kienet wahda ta' tahwid kbir u bla ebda direzzjoni fil-hajja fejn hija giet abbandunata minn ommha u mill-familja taghha u ghexet ghand irgiel barranin. F'eta' daqshekk tenera hija marret tghix mal-gharus taghha fejn hija qalet li kienu jghixu qishom ragel u mara mizzewga[2]. Illi jidher ukoll li din il-persuna kellha relazzjoni intima deskritta bhala ragel u mara mizzewgin ma' persuna akbar minnha madwar ghaxar snin. Illi jidher li kellha hajja ferm movimentata u wiehed jista' jasal ghal konkluzzjoni li din kienet taf il-fatti tal-hajja sew minhabbba l-esperjenzi li ghaddiet minnhom u f'dan il-kaz ghalkem il-Qorti mhux sser tabraccja l-principju ta' ***corrupta non corrumpitur*** ma jidrilhiex li jikkonkorru l-elementi formali u materjali tar-reat kontemplat fl-Artikolu 203. F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza Repubblika ta' Malta vs Carmelo Spiteri (20/3/1989) fejn gie spjegat is-segwenti:

"Huwa fatt li jistghu jinqalghu kazijiet fejn allegat suggett passiv tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 203 minhabba hajja dedikata ghal laxxivija u ghall-pjaciri sesswali ikun fi stat ta' travjament morali tant komplet li difficilment wiehed jista' jimmagina kif jista' jigi ulterjorment korrott u kazijiet bhal dawn gieli gew ikkunsidrati minn dawn il-Qrati, izda hu cert ukoll li l-esperjenza sesswali precedenti mhux necessarjament teskludi l-possibilita' li jkun hemm korruzzjoni ghaliex kif intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) "Il-Pulizija vs George Portelli" 2-2-1975, fejn dik il-Qorti abbraccjat it-teorija moderata ta' Maino, "mhux qed jinghad li l-persuna gja' parzjalment korrotta ma tistax tigi korrotta izjed. *Si tratta* ta' kwistjoni ta' bilanc";

Fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs. Lorenzo Baldacchino"** [30.3.1963] intqal is-segwenti:-

[2] A fol 74

"Il-persuna korrotta ghandha d-dritt illi ma tigix ulterjorment korrotta, u hadd ma ghandu d-dritt li impunement jispingiha aktar fit-triq tal-korruzzjoni, jew jimpedilha l-possibilta' tar-rigenerazzjoni."

Recentement fil-kawza fl-ismijiet 'The Police vs Jessica Vella et. (L-Imhallef Joseph Galea Debono – 9 ta' Lulju 2009) qal hekk:
"The fact that in this case it results that the minor was very sexually active herself and had already had full sexual intercourse with four men of African origin previously, in no way affects the guilt of appellant. In fact with regard to the related crime of defilement of minors contemplated in article 203 of the Criminal Code, the plea of *"corrupta non corrumpitur"* has never been entertained by our Courts."

Illi wara li din il-Qorti rat kemm id-dottrina rigward l-elementi tar-reat ta' korruzzjoni ta' persuna taht l-eta' u l-principju tal-*corrupta non corrumpitur*, din il-Qorti thoss li ma jirrizultax li hemm provi sufficenti li jwassal oltre kull dubbju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubbju dettat mir-raguni li tinstab htija taht din l-imputazzjoni.

**L-artikolu 204**

Illi l-imputat qieghed ukoll jigi akkuzat bir-reat kontemplat fl-Artikolu 204 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta bic-cirkostanzi aggravanti ndikati fil-proviso tal-istess artikolu u cioe' l-paragrafi (b) u (d). Dan l-artikolu jghid:

**204.** (l) Kull min, biex jissodisfa ż-żina ta' ħaddieħor, iħajjar għall-prostituzzjoni persuna ta' taħt l-età, jew jeċċita l-korruzzjoni tagħha, jew igħin jew jiffaċilita din il-prostituzzjoni jew korruzzjoni, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tmintax-il xahar sa erba' snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha:

Iżda l-piena tkun ta' priġunerija minn sentejn sa sitt snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(*b*) jekk id-delitt isir b'qerq;

(*d*) jekk id-delitt isir bħala drawwa jew bi ħsieb ta’ qligħ.

Illi dan ir-reat taht l-artikolu 204 jikkontempla diversi elementi:

1. Thajjar ghall-prostituzzjoni;
2. Jeccita l-korruzzjoni
3. Jghin jew jiffacilita din il-prostituzzjoni jew korruzzjoni

Illi ghandu jinghad li mix-xhieda li tat CM u minn provi cirkostanzjali ohra jirrizulta minghajr ombra ta’ dubju li l-imputat hajjar u ffacilita’ l-prostituzzjoni ta’ CM ma’ terzi u li huwa ghamel dan ghal skopijiet ta’ qligh ghalih. L-imputat sejjer ghalhekk jinstab hati tat-tieni mputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu izda huwa ser jinstab hati limitatament in kwantu jirrigwarda l-aggravju kontemplat fil-paragrafu (d) u mhux (b) tal-proviso tal-Artikolu 204(1) u dan ghaliex mill-provi ma jirrizultax li gie adoperat xi qerq da parti tal-imputat meta huwa hajjar u ffacilita’ l-prostituzzjoni ta’ CM.

**L-artikolu 7(1) tal-Kap 63 tal-Ligijiet ta’ Malta**

L-Avukat Generali indika wkoll li tista’ tinstab htija taht dak li hemm mahsub fl-Artikolu 7(1) tal-Kap 63 tal-Ligijiet ta’ Malta li jghid:

**7.** (1) Kull min, xjentement, igħix, għal kollox jew f’parti, minn fuq il-qligħ tal-prostituzzjoni ta’ persuna oħra, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena tal-priġunerija għal żmien ta’ m’hux iżjed minn sentejn:

Iżda meta dik il-persuna l-oħra ma tkunx għalqet l-età ta’ tmintax-il sena, ir-reat ikollu l-piena ta’ priġunerija għal żmien ta’ minn tmintax-il xahar sa erba’ snin.

Illi mix-xhieda ta’ CM jirrizulta li l-imputat kien hadha l-Marsa ghal skopijiet ta’ prostituzzjoni f’zewg okkazzjonijiet u kien fit-tieni okkazzjoni li giet imwaqqfa mill-Pulizija. **Illi fuq dan l-element tal-ghixien minn fuq il-qligh tal-prostituzzjoni il-Qorti taghmel referenza ghal dak li**

**ntqal fil-kawza fl-ismijiet 'il-Pulizija vs Anthony Curmi et' deciza fid-29 ta Lulju 1961 fejn il-Qorti qalet li:**
"Ir-reat ta` ghixien f'kollox jew inparti, mill-qliegh tal-prostituzzjoni jippresupponi mhux okkazzjoni wahda ta` qliegh baxx, imma sistema ta` sfruttament tat-turpitudni ta` hadd iehor, allavolja din il-persuna l-ohra takkonsenti. Ghaldaqstant il-fatt izolat li wiehed jircievi flus talli ressaq persuna ghal skop ta` prostituzzjoni ma jikkostitwix dan ir-reat."

Illi fil-kaz odjern tenut kont li mill-provi rrizulta li l-imputat ha lil M il-Marsa ghal skopijiet ta' prostituzzjoni f'zewg okkazzjonijiet biss u li l-qligh kien ta' Lm90 ma jistghax jinghad li l-imputat kien qed jghix minn fuq dan il-qligh u huwa sejjer ghalhekk jigi dikjarat mhux hati tat-tielet imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

**L-akkuza taht l-Artikolu 251B**

Illi l-Avukat Generali indika wkoll li tista' tinstab htija taht dak li hemm mahsub fl-Artikolu 251B tal-Kodici Kriminali li jghid:

**251B.** (1) Persuna li l-imġieba tagħha tikkaġuna lil ħaddieħor jibża' li ser tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) tkun ħatja ta' reat jekk hija tkun taf jew imissha tkun taf li l-imġieba tagħha se tikkaġuna lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet

Illi l-vittma qalet (a fol 51) li "...beda jghidli biex ninzel nahdem ghalih u jekk ma ninzilx nahdem ghalih iqaxxarli xaghri jew jaqbad itini." Hija kompliet tghid meta mistoqsija mill-Qorti jekk kinitx temmen dak li qal hija wiegbet li "Ghax kien ghamilha lil xi hadd iehor" u kompliet "Kien qaxxar xaghar xi hadd". Dan skond l-istess xhud qabel ma huwa kien ltaqa maghha. Illi dan ir-reat giet trattat fid-detall fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Raymond Parnis** (deciza mill-Imhallef V. Degaetano fl-24 t'April 2009) fejn intqal hekk:

"Dan kollu – u cioe` dawn l-affarijiet kollha li sehhew fil-kuntest ta' incident wiehed – ma jistghu qatt jammontaw ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B imsemmi. Dan ir-reat gie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-*Protection from Harassment Act, 1997* tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk:

*"A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions."*

L-Artikolu 251B taghna – u hawn il-Qorti ser tuza t-test Ingliz proprju biex wiehed ikun jista' jara x-xebh u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fis-subartikolu (1) tieghu, hekk:

*"A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions…"* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Il-kliem "on each of those occasions" huma indikattivi li l-att materjali ma jistax isehh f'okkazzjoni wahda izda jrid ikun hemm ghall-anqas zewg okkazjonijiet – proprju kif jinghad fil-matrici Ingliza, "on at least two occasions". Ghal xi raguni – fil-fehma ta' din il-Qorti kompletament illogika – il-kliem "on at least two occasions thallew barra". Fi kliem l-edituri ta' **Blackstone's Criminal Practice, 2008**:

**"How separate the two occasions must be remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the**

**less likely it is that they will be regarded as a course of conduct…It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…"**

Din il-Qorti mhix ser tipprova taghti definizzjoni ezawrjenti ta' x'jammonta ghal "course of conduct" ghall-fini tal-imsemmi Artikolu 251B(1) – u anqas ma hi ser tipprova telenka kazijiet, anke jekk biss bhala forma ta' ezempju, li jammontaw jew ma jammontawx ghal tali "imgieba", haga li trid tigi deciza minn kaz ghal kaz skond ic-cirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doza qawwija ta' saggezza min-naha tal-gudikant. Dak li qed jigi deciz f'din il-kawza hu biss li incident wiehed (u, *per di piu`*, ta' minuti) ma jammontax ghal "course of conduct" ghall-finijiet tal-Artikolu 251B(1)."

Illi tenut kont li l-incident li semmiet CM sehh f'okkazzjoni wahda biss u li minn imkien mill-provi ma jirrizulta li kien hemm xi course of conduct da parti tal-imputat li gieghel lil M tibza' li ser tintuza vjolenza fil-konfronti taghha l-Qorti jidrilha li ma tistghax tinstab htija abbazi tal-imsemmi Artikolu 251B(1) tal-Kodici Kriminali.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-gravita' tar-reat li tieghu qed jinstab hati u kkunsidrat ukoll li fil-mori tal-kawza huwa beda' l-process sabiex jaqbad it-triq it-tajba u jeghleb il-problema tal-abbuz mid-droga izda l-Qorti kkunsidrat ukoll il-konsegwenzi serji tal-agir tal-imputat fuq il-vittma u l-fatt li huwa abbuza mis-sitwazzjoni li kienet fiha din il-minorenni li kienet bla familja u ma kellha lil hadd jiehu hsiebha u uzaha sabiex jipprova jaqla' l-flus billi jqabbadha fit-triq tal-prostituzzjoni. Fic-cirkostanzi l-Qorti jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja effettiva izda din ser tkun aktar vicin il-minimum imponibbli.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju tieghu tat-23 ta' Frar 2007 u senjatament l-Artikoli 18 u 204(1) kif ukoll is-subinciz (d) tal-proviso tal-istess Artikolu 204(1) tal-Kodici

Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tlett (3) snin prigunerija. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-bqija tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

Il-Qorti tordna d-divjiet tal-publikazzjoni ta’ isem il-vittma CM fi kwalunkwe mezz ta komunikazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------